**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 1 ta' Marzu, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann Fenech)**

**-vs-**

**Mario Barbara, detentur tal-karta tal-identita' numru 74384M**

***Kumpilazzjoni Nru. 421/2014***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Mario Barbara talli:

Nhar id-29 t'April, 2013, għall-ħabta tas-18:30hrs ġewwa Triq Ħal Tarxien, Gudja:

1. Saq vettura GAQ 449 u b'nuqqas ta' ħsieb u bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ħabat ma' vettura JQZ 568 u involontarjament ikkaġuna ħsarat għad-dannu ta' Burmarrad Commercials;

2. b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura gravi fuq il-persuni ta' Rosette Mallia skont kif iċċertifika Dr Winston Bartolo MD Reg 5325 mill-MDH;

3. b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuni ta' Mario Mallia skont kif iċċertifika Dr Winston Bartolo MD Reg 5325 mill-MDH;

4. b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura gravi fuq il-persuni ta' Marius Bugeja skont kif iċċertifika Dr Winston Bartolo MD Reg 5325 mill-MDH; u

5. saq vettura Nru GAQ 449 b'manjiera traskurata, perikoluża u bla kont.

Il-Qorti ġiet mitluba li jġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għall-perjodu ta' żmien li jidhirlha xieraq.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat li fl-udjenza tallum, l-imputat rregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew f' April, 2013, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fit-8 ta' Jannar, 2016.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu w ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnhu ammessi.

Illi in kwantu ghal-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat fejn zewg persuni soffrew griehi li hallewhom isofru minn dizabilita` permanenti[1], il-fedina penali tieghu li ghalkemm mhix ghal kollox nadifa turi li l-ahhar reat li nstabet htija dwaru jirrisali ghal tlettax il-sena ilu, l-ammissjoni tieghu w ic-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz fosthom li din il-Qorti mhux qed tillikwida d-danni sofferti mill-partijiet lezi.
Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 226(1)(a)(c), 328 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-

[1] Vide Rapporti tal-Espert Kirurgu Mr Alex Sultana a. fol.8 et seq u 114 et seq.

Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontrih u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' sitt elef ewro (€6,000) li ghandhom jithallsu fi zmien erba snin ratejalment bl-ewwel pagament issir dovut fl-ewwel t' April, 2017.

Inoltre` bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €900 rapprezentanti spejjez peritali.

F'kaz ta' kwalunkwe nuqqas ta' hlas tal-multa jew tal-ispejjez peritali, dawn l-ammonti jkunu konvertibbli fi prigunerija.

Finalment tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt xhur millum.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**

**Magistrat**